MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2011

Numru. 1224/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Fabian Fleri**

**vs**

**John Mizzi**
**Herman Mizzi**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Johh Mizzi, iben Herman u Therise nee' Hart, mwieled Pieta' nhar l-14 ta' Mejju 1990, residenti gewwa Block B Flat 15, Triq ic-Cikkas Housing Estate, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 246090(M)

u lill-Herman Mizzi, iben Herman u Therise nee' Hart, mwieled Pieta' nhar it-18 ta' Lulju 1978, residenti gewwa Block B Flat 15, Triq ic-Cikkas, Housing Estate, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 343978(M) gew mressqa quddiemha akkuzati tali :

B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ;

1. Fit-2 ta' Novembru 2009 bejn il-16:00hrs u il-19:00hrs, gewwa Fgura u gewwa dawn il-gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex gieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' ta xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' 615 Euros (sitt mija u hmistax Ewro) ghad-dannu ta' Edmund Curmi detentur tal-karta tal-identita' 38064(M) u/jew HSBC Bank u/jew persuni ohra u aktar talli ;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi iffalsifikaw cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli ;

3. Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi ziedu jew bidlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u aktar talli ;

4. Fl-istess data, hin lok u cirkustanzi, xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza u aktar talli ;

Lill-John Mizzi wahdu akkuzat ukoll

1. Talli fit-2 ta' Novembru 2009 ghal habta ta' bejn is-13:00hrs u il-15:00hrs minn gewwa l-ufficini tal-Public Broadcasting Services li jinsabu gewwa Triq San Luqa Pieta' , ikkommetta serq ta' zewg (2) credit cards propjeta' ta' Edmund Curmi liema serq huwa aggravat bil-persuna u aktar talli ;

2. Fit-2 ta' Novembru 2009 bejn il-15:00hrs u il-16:00hrs, gewwa Pieta' u gewwa dawn il-gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' ta xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' 556 Euros (hames mija u sitta u hamsin Ewro) ghad-dannu ta' Edmund Curmi detentur tal-karta tal-identita' 38064M u /jew HSBC Bank u/jew persuni ohra u aktar talli ;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli ;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u aktar talli ;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghamelu uzu minn att, kitba jew skrittura falza u aktar talli ;

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBC795 tal-ghamla Vauxhall Nova meta ma kellux licenzja tas-sewqan ;

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sar ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Saviour Demicoli LLD datata 22 ta' Ottubru 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' probation order moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. E. Grima LL.D, datata 30 ta' Lulju 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Lill Herman Mizzi wahdu akkuzat ukoll

1. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBC795 tal-ghamla Vauxhall Nova meta ma kellux licenzja tas-sewqan skwalifikata ;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar ricediv b'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) l-ewwel wahda moghtija mill-Magistrat Dr. Antonio Vella LLD datata 14 ta' Gunju 2006 u it-tieni wahda moghtija mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LLD datata 17 ta' Settembru 2009, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tapplika ukoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-

Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta’ Novembru 2009 (esebit *a folio* 9 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fl-udjenza tas-26 ta’ Frar 2010 l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat li waqt l-udjenza tas-26 ta’ Frar 2010 l-imputat John Mizzi ammetta l-imputazzjonijiet mmarkati bhala ‘1’ sa ‘4’ migjuba fil-konfronti tieghu u tal-ko-akkuzat Herman Mizzi kif ukoll l-imputazzjonijiet immarkati bhala ‘1’, ‘2’, ‘3, ‘4’, ‘5’ u ‘8’ migjuba fil-konfronti tieghu wahdu u rat li waqt l-istess udjenza l-imputat Herman Mizzi ammetta l-imputazzjonijiet immarkati bhala ‘1’ sa ‘4’ migjuba fil-konfronti tieghu u tal-ko-akkuzat Herman Mizzi kif ukoll l-imputazzjoni mmarkata bhala ‘2’ migjuba fil-konfronti tieghu wahdu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputati wiegbu li huma hatja tal-imsemmija mputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom, din il-Qorti wissiethom b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.
Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati John Mizzi u Herman Mizzi, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha minnhom ammessi.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati wiegbu li huma hatja ghal kwazi l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghhom salv ghall-imputazzjoni mmarkata bhal ‘6’ migjuba fil-konfronti tal-imputat John Mizzi wahdu u l-imputazzjoni mmarkata bhala ‘1’ migjuba fil-konfronti tal-imputat Herman Mizzi wahdu fejn huma gew akkuzati li fit-2 ta’ Novembru 2009 saqu l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBC 795 tal-ghamla Vauxhall Nova meta ma kellhomx licenzja tas-sewqan. Illi fir-rigward ta’ din l-imputazzjoni l-Qorti taqbel li l-istess imputazzjoni ma tirrizultax pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u dan stante li l-unika prova li l-Pulizija resqet rigward l-allegat sewqan tal-imsemmija vettura miz-zewg imputati kienu l-istqarrijiet rispettivi li huma rrilaxxjaw[1] fejn kull wiehed minnhom iddikjara li kien l-iehor li saq il-vettura in kwistjoni. Dak li jghid akkuzat fil-konfronti ta’ ko-akkuzat iehor m’huwiex ammissibbli bhala prova fil-konfronti tal-ko-akkuzat l-iehor u ghalhekk dak li qalu z-zewg ko-akkuzati fil-konfronti ta’ xulxin ma jistghax jitqies bhala prova li xi hadd minnhom jew it-tnejn saqu l-imsemmija vettura u konsegwentement il-Qorti ma tistghax issib htija in kwantu jirrigwarda l-imsemmija imputazzjonijiet.

Illi l-imputat John Mizzi wiegeb li mhux hati anki in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni mmarkata bhala ‘7’ migjuba fil-konfronti tieghu wahdu fejn huwa gie akkuzat li sar recidiv b’sentenza ta’ din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-22 ta’ Ottubru 2009. Kopja ta’ din is-sentenza ma gietx esebita mill-Prosekuzzjoni u wisq anqas saret id-debita prova tal-identita’ u kwindi isegwi li l-imputat ma jistghax jinstab hati tal-imsemmija imputazzjoni stante li din ma tirrizultax pruvata.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri izda kkunsidrat ukoll il-fatt li mill-fedini penali rispettivi taghhom jidher li huma t-tnejn kisru dufrejhom mal-gustizzja fil-passat u ghalkemm inghataw l-opportunita’ li jirriformaw ruhhom huma naqsu milli juzufruwixxu minn din l-opportunita’. Il-Qorti ghalhekk

[1] Inseriti a fol. 26 sa 3 tal-atti processwali.

jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva vicin il-minimum imponibbli.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17,18, 308, 309, 310(1)(b), 167, 183, 184, 261(d), 268 u 281(a) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat John Mizzi hati tal-imputazzjonijiet mmarkati bhala '1' sa '4' migjuba fil-konfronti tieghu u tal-ko-akkuzat Herman Mizzi kif ukoll tal-imputazzjonijiet immarkati bhala '1', '2', '3, '4', '5' u '8' migjuba fil-konfronti tieghu wahdu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat John Mizzi mhux hati tal-imputazzjonijiet immarkati bhala '6' u '7' migjuba fil-konfronti tieghu wahdu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310(1)(b), 167, 183, 184, 17, 31,49 u 50 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Herman Mizzi hati tal-imputazzjonijiet immarkati bhala '1' sa '4' migjuba fil-konfronti tieghu u tal-ko-akkuzat Herman Mizzi kif ukoll tal-imputazzjoni mmarkata bhala '2' migjuba fil-konfronti tieghu wahdu kif minnu ammessi u tikkundannah tmintax (18)-il xahar prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Herman Mizzi mhux hati tal-imputazzjoni mmarkata bhala '1' migjuba fil-konfronti tieghu wahdu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------